

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Plasticos Españoles, SA (ASPLA) hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — Álvarez vs II-Kummissjoni

(Kawża T-78/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81(1) KE — Kunċett ta' impriża — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Preżunzjoni ta' innoċenza”

1. *Dritt Komunitarju — Prinċipji — Drittijiet fundamentali — Preżunzjoni ta' innoċenza u drittijiet tad-difża — Proċedura fil-qasam tal-kompetizzjoni — Applikabbiltà (Artikolu 6(2) UE; Artikolu 81(1) KE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 48) (ara l-punti 23, 24)*

2. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100% minnha — Obbligu tal-Kummissjoni li turi l-implikazzjoni tal-kumpannija parent fl-aġir li jikkostitwixxi ksur — Assenza (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 25-30)*

3. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma totalment jew kważi totalment minnha — Possibbiltà għall-Kummissjoni li tattribwixxi lill-kumpannija parent ir-responsabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 35)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba intiża għat-tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Armando Álvarez, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.